# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Ottubru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 636/01mm**

**Elmo Insurance Agency Limited, in rapprezentanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha John's Garage Ltd u l-istess John's Garage Ltd**

**vs**

**John Paris**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta’ l-atturi ghall-kundanna tal-konvenut ghas-somma komplessiva ta’ tliet mija u sbatax-il lira u hamsa u erbghin centezmu (Lm317.45) [Lm237.45c lis-socjeta’ attrici Elmo Insurance Agency Limited noe u Lm80 lis-socjeta’ attrici John’s Garage Ltd] in linea ta’ danni kkagunati mill-konvenut u sborsati mill-atturi in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara il-Hamrun fil-15 ta’ Dicembru, 2000, meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq vettura Nru. CAR 826 habat mall-vettura Nru AAG 408 propjeta’ tas-socjeta’ attrici u misjuqa minn Mario Dalli – prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta’ Marzu, 2001, u dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ l-Avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, u bl-imghax legali mil-5 ta’ Marzu, 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fid-9 ta' Ottubru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.